# Graziella Galea tirriżenja minn Sindku ta' San Pawl il-Baħar

Ftit tal-ħin ilu Graziella Galea, li ġiet eletta b'mod demokratiku bl-akbar numru ta' voti fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar fl-elezzjoni li tal-2015 f'isem il-Partit Nazzjonalista, irriżenjat minn Sindku tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar.

Filwaqt li irriżenjat minn Sindku, Graziella Galea se tibqa' kunsiller f'isem il-Partit Nazzjonalista. Issa għandu jinħatar Sindku ġdid skont il-liġi.

Graziella Galea qiegħda tagħmel dan b'lealtà lejn ir-residenti tal-lokalità u lejn il-Partit Nazzjonalista sabiex il-Partit Nazzjonalista jibqa' jgawdi t-tmexxija ta' dan il-Kunsill.

Kopja tal-ittra tar-riżenja ta' Graziella Galea tinsab annessa ma' din l-istqarrija.

**10.01.2018**

communications@pn.org.mt